MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2009

Rikors Numru. 340/2009

Carmen mart il-mejjet George **DEMANUELE**, Carmen mart Saviour Micallef, Mark Demanuele, Chantelle Demanuele u Sacha Demanuele

vs

Carmelo *sive* Charles **ELLUL SULLIVAN** u Philip Azzopardi

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-6 ta'April, 2009, li bih u ghar-ragunijiet hemm imfissra r-rikorrenti talbu li l-Qorti terga' taghmel ezekuttiva sentenza moghtija fis-27 ta' Gunju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet "George Demanuele vs Carmelo sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi" (Cit Nru 1277/92) u dan billi ghaddew aktar minn ghaxar

(10) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret ezekuttiva;

Rat it-Twegiba mressqa mill-intimati fil-5 ta’ Gunju, 2009, li biha laqghu ghat-talba tar-rikorrenti billi qalu li r-rikorrenti kienu thallsu ghas-saldu tad-drittijiet kollha li seta’ kellhom ghall-ezekuzzjoni tal-imsemmija sentenza;

Rat li r-rikorrenti kkonfermaw bil-gurament il-kontenut tar-rikors u ddikjaraw li ma thallsu xejn fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti Carmen Micallef u tal-intimat Philip Azzopardi waqt is-smigh tal-lum;

Rat li, mill-provi mressqa, l-intimati naqsu li juru tajjeb bizzejjed+- b’xi wiehed mill-modi li trid il-ligi, li huma kienu tassew issaldaw il-kreditu kanonizzat li kellhom mal-awtur tal-istess rikorrenti;

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti tirrizulta gustifikata u ghalhekk tilqa’ t-talbiet ta’ l-istess rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------